MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 788/2010

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Paul Zammit, iben Francis, imwieled Bormla fil-15 ta' April, 1953, Karta ta' l-Identita numru 297253(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-8 ta' Ġunju, 2010, għal ħabta ta' bejn id-9.30 a.m. u l-10.00 a.m. minn ġewwa vettura tal-għamla Kia, bin-numru tar-reġistrazzjoni KIA 379, li kienet tinsab ġewwa il-Lourdes Petrol Station, Triq Hompesch, Ħaz-Zabbar ikkometta serq ta' mobile phone tal-għamla LG, li l-valur tiegħu ma jeċċedix €232.94 liema serq hu kkwalifkat bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-mobile phone ġie ritornat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(g), 271(g) u 281(a) tal-Kodiċi Krimnali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------